# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 20**

**Cit. Nru. 1796/98 GCD**

**Noel Mangion Camilleri**

**vs**

**Reuben Farrugia u martu Karen Farrugia Glanville**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**<u>Ic-Citazzjoni attrici</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Settembru 1998, l-attur appellat, wara li ppremetta illi l-konvenuti huma debituri tieghu fl-ammont ta' elfejn seba' mija u hamsin Lira Maltija (Lm 2,750) rappresentanti pagament ulterjuri akkont tal-

prezz ta' trasferiment mill-attur appellat lill-konvenuti ta' 165 Ordinary Shares fis-socjeta' 'Serafina Manufacturing Limited', liema pagament ulterjuri skada u sar dovut fit-30 ta' Gunju 1998, hekk kif stipulat fi Skrittura Privata ta' promessa ta' bejgh li saret f'Novembru 1998 bejn l-attur appellat u l-konvenuti; illi l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tieghu, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra it-talba ghall-imsemmi hlas, u inoltre, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kawza tigi deciza bid-dispenza tas-smigh; illi nonostante talba ghall-hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsux; talab illi l-Ewwel Onorabbli Qorti (1) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-attur appellat b'dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli fuq imsemmija, u (2) tikkundannahom ihallsu lill-attur appellat l-imsemmija somma ta' elfejn seba' mija u hamsin lira Maltija (Lm 2,750);

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**

2. L-appellanti konvenuti eccepew illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-Dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur appellat, peress illi l-ammont rikjest ma huwiex dovut, u dan stante illi l-bejgh ta' l-ishma de quo, u mhux kuntratt ta' trasferiment finali ta' l-istess kif allegat fl-Att tac-Citazzjoni; illi ghalhekk isegwi li n-nuqqas, da

parti tal-konvenuti, illi jkomplu bil-hlasijiet dettaljati fl-istess Skrittura Privata, liema nuqqas sehh minhabba ragunijiet ghal kollox esterni ghall-volonta' tal-konvenuti, jimporta telf ta' l-ammont gia' mhallas favur l-attur appellat, izda ma jimportax l-ezekuzzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment finali bil-pagament kif mitlub fic-Citazzjoni odjerna;

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija fil-5 ta' Novembru 1999, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, wara li ghamlet il-kunsiderazzjonijiet hemm riportati, laqghet it-talba attrici billi ddikjarat illi s-somma mitluba mill-attur appellat hija dovuta, u kkundannat lill-esponenti jhallsu elfejn seba' mija u hamsin lira Maltija (Lm2,750), bl-imghax mit-30 ta' Gunju 1998 sa meta jsir il-hlas u bl-ispejjez gudizzjarji.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

4. L-appellanti hassew ruhhom aggravati mill-imsemmija sentenza, u ghalhekk interponew l-appell fuq l-aggravju:-

(i) L-Ewwel Qorti kkostatat fis-sentenza taghha, illi l-Iskrittura *de quo* tikkostitwixxi konvenju bejn il-partijiet ghall-bejgh u x-xiri ta' l-ishma relattivi.

Ghalhekk, isegwi li hawn wiehed ghandu japplika d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 1357 *et seq* tal-Kodici Civili ghar-regolamentazzjoni tar-relazzjonijiet guridici bejn il-partijiet. F'dan is-sens, is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1357, jiddisponi illi:-

> "*L-effett ta' din il-weghda* (ta' bejgh u/jew xiri) *jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghalhekk … kemm-il darba l-accettant* ***ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju*** *pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh,* ***u kemm-il darba, fil-kaz li dak li wieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni*** *sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghalq l-imsemmi zmien" (*Enfazi Mizjuda).

Issa fil-kaz in ezami, m'hemmx kundizzjoni espressa dwar iz-zmien ta' validita' tal-konvenju. B'danakollu, johrog b'mod car mill-kumpless ta' l-istess Skrittura ill t-terminu ta' validita' kien sat-30 ta' Novembru 1998, b'dan illi trasferiment finali ta' l-ishma u kif ukoll il-hlas tal-prezz miftiehem, kellhom isiru sa din id-data.

(ii) Ghaldaqstant, skond l-Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili fuq citat, sabiex it-talbiet attrici jigu mgieghla jhallsu l-ammont mitlub ai termini ta' l-obbligi minnhom assunti fil-konvenju, l-attur appellat kellu:

> (a) Fl-ewwel lok, jaghmel sejha lill-esponenti **permezz ta' att gudizzjarju** sabiex jersqu ghat-trasferiment finali, **qabel l-iskadenza tat-terminu ta' validita'** ta' l-istess Skrittura, jigifieri sat-30 ta' Novembru; u
>
> (b) Sussegwentement, **f'kaz illi l-esponenti jibqghu jonqsu milli jersqu ghat-trasferiment finali**, l-attur kien ikollu jressaq it-talba tieghu permezz ta' **procedura ulterjuri**, cioe'

permezz ta' l-att gudizzjarju specifiku tac-Citazzjoni, li ghaliha hemm referenza espressa u esplicita mil-Legislatur;

(iii) Mill-fuq premess, jidher bla dubju illi l-intenzjoni cara tal-Legislatur hija li min, ai termini ta' konvenju, ikun irid igieghel b'mod validu ghall-finijiet u l-effetti tal-Ligi, lill-parti l-ohra sabiex twettaq il-weghda taghha, huwa obbligat mil-Ligi li jsegwi procedura gudizzjarja li tikkonsisti f'zewg fazijiet jew stadji distinti li gew delineati b'mod tant preciz mil-Legislatur innifsu, u huma rikjesti *ad validitatem.* Tant huwa hekk illi l-Qorti ta' l-Appell Civili, fis-sentenza taghha moghtija fl-24 ta' Frar 1986 fil-kawza fl-ismijiet **AIC Walter Caruana Montaldo noe vs. Victor Lia** (Vol.LXX.II.135), iddikjarat illi:

*"Il-Qorti tirritjeni li l-formalitajiet fuq imsemmija rikjesta mill-art. 1407(2) huma imposti mil-Ligi 'ad validitatem' ta' kwalunkwe proceduri ghall-esekuzzjoni ta' konvenju ta' bejgh, u jekk ma jigux osservati – tkun xi tkun ir-raguni – dan igib in-nullita' ta' l-istess"*

(iv) Inoltre, ma jistax ma jigix innotat illi l-Ewwel Qorti stess, fid-Digriet Kamerali taghha tal-20 ta' Lulju 1999, irrikonoxxiet dan id-dover esplicitu ta' l-attur appellat illi, qable ma jipprocedi bit-talba tieghu permezz ta' Citazzjoni, isejjah lill-esponenti b'att gudizzjarju biex jersqu ghat-trasferiment finali. Fi kliemha stess, l-Ewwel Qorti kien tehtieg li tkun taf jekk:-

> *"…l-attur sejjahx lill-konvenuti b'att gudizzjarju biex jixtru l-ishma, **u jekk ghamilx ukoll talba b'citazzjoni** fi zmien tletin jum mit-30 ta' Novembru 1998…"* (Enfazi Mizjuda)

(v) In linea mal-principju *ubi lex voluit dixit,* iz-zewg proceduri msemmija huma necessarji t-tnejn. IL-Legislatur hass il-htiega illi jenfasizza b'mod espress ir-rekwizit ta' **zewg proceduri distinti** fil-kaz odjern, billi rrikjeda, fl-ewwel lok, att gudizzjarju fejn min wieghed, jigi interpellat sabiex jaddivjeni ghat-trasferiment finali, u fit-tieni lok, irrikjeda wkoll l-att ulterjuri tac-Citazzjoni. Ghaldaqstant, l-Ewwel Qorti ma kinetx korretta meta, fis-sentenza appellata, iddikjarat illi s-sejha permezz ta': "att gudizzjarju" tista' ssir ukoll permezz ta' Citazzjoni, u dan anke kif dikjarat fis-sentenza ga msemmija ta' Qorti ta' l-Appell Civili fl-ismijiet: **<u>AIC Walter Caruana Montaldo noe vs. Victor Lia</u>**;

(vi) Anzi, jista' jinghad, kif fil-fatt gie ammess anki mill-Ewwel Qorti stess a fol.6 tas-sentenza appellata, illi din il-htiega espressa ta' procedura gudizzjarja li hija maqsuma f'zewg stadji separati, tigi spjegata ghal motivi ta' prekawzjoni u produenza, u dan taz-zewg partijiet:- dak illi wieghed in kwantu jkun jista' jersaq minn jeddu ghall-kuntratt finali dwar l-obbligi minnu assunti, u wkoll fl-interess ta' dak stess li favur tieghu tkun saret il-promessa, fis-sens illi jekk ma ssirx ittra gudizzjarja qabel ma' tigi pprezentata c-Citazzjoni, huwa jissogra illi jehel l-ispejjez tal-kawza inutilment fil-kaz illi x-xerrejja jersqu minnjeddhom ghat-trasferiment finali qabel ma jaghlaq il-konvenju. Min-

naha taghhom, ix-xerrejja ikollhom ukoll l-opportunita' li jersqu fuq il-kuntratt finali qabel ma jigu intavolati proceduri gudizzjarji fil-konfront taghhom, u cioe', bl-Att tac-Citazzjoni;

(vii) Illi b'danakollu, u nonostante wkoll id-Digriet Kamerali taghha fuq imsemmi, l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li dawn iz-zewg proceduri delineati b'mod esplicitu mil-Ligi stess, huma alternattivi u mhux kumulattivi u setghu jigu assimilati u assorbiti fi procedura unika, minkejja l-animu espress li kjarament immotiva lil-Legislatur sabiex jistabilixxi procedura f'zewg fazijiet distinti u separati;

(viii) Illi f'dan il-kaz, jirrizulta li l-attur appellat ma segwix din il-procedura gudizzjarja kif trid espressament fil-Ligi u kif ukoll kif rikjediet l-Ewwel Qorti. Anzi, l-attur appellat, minflok ma ghamel sejha permezz ta' ittra gudizzjarja jew protest gudizzjaru qabel it-30 ta' Novembru 1998 u mbaghad ipprezenta l-Att tac-Citazzjoni fi zmien tletin (30) gurnata mill-istess data, ressaq il-pretensjoni tieghu fi stadju uniku billi pprezenta biss l-Att ta' Citazzjoni fis-16 ta' Novembru 1998, b'dan illi stultifika l-ghan espress tal-Legislatur.

(ix) Huwa ovvju illi l-procedura segwita mill-attur appellat mhux idoneja ghall-iskopijiet ta' l-imsemmi Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili fuq citat, u cioe' illi l-esponenti jkollhom l-opportunita' illi jersqu ghall-ezekuzzjoni tat-trasferiment finali.

(x) Ghaldaqstant, isegwi mhux biss illi l-perjodu ta' validita' tal-konvenju skada fit-30 ta' Novembru 1998, b'mod illi skadew ukoll it-termini kollha ta' l-istess Skrittura Privata, izda wkoll illi l-esponenti llum ma ghadhomx obbligati bit-termini u kundizzjonijiet ta' l-istess Skrittura u b'hekk ma jistghu qatt jigu kkundannati illi jhallsu xi ammonti in segwitu ghall-istess;

Ghaldaqstant, il-konvenuti appellanti talbu illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Novembru 1999 billi tirrespingi t-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom u tiddikjara illi l-ammont mitlub ta' elfejn seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm 2,750) ma huwiex dovut; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellat.

**RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-ATTUR APPELLAT NOEL MANGION CAMILLERI**

L-attur appellat wiegeb hekk:-

(i) Illi is-sentenza appellata hija giusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija.

(ii) L-aggravju ta' l-appellanti hu principalment bazat fuq l-argument li l-esponenti appellat ma segwiex il-procedura giudizzjarja korretta rikjest mill-Ligi taht l-Artikolu 1357 (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta'

Malta, stante li l-obbligi ta' l-appellanti jirrizultaw minn skrittura privata li tikkostitwixxi konvenju ta' bejgh u xiri ta' 165 *ordinary shares* fis-socjeta' Serafina Manufacturing Limited.

L-Attur appellat imbaghad jirreferi ghall-Artikolu 1357 (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ewwel paragrafu ta' l-aggravju taghhom, l-appellanti jittrattaw l-argument li:

> "*fil-kaz in ezami m'hemmx kundizzjoni espressa dwar iz-zmien ta' validita' tal-konvenju".*

Dan l-argument da parte ta' l-appellanti hu nfondat fil-fatt stante li r-raba' artikolu ta' l-imsemmija skrittura privata jipprovdi testwalment illi:

> "*The transfer of shares proper by the VENDOR unto the PURCHASERS in execution of this Preliminary Agreement shall be effected by not later than the 30th November, 1998".*

Apparti l-fatt illi tali zmien ta' validita' tal-konvenju jidher car mill-konvenju stess, l-appellanti stess fl-espozizjoni ta' l-aggravju taghhom jikkontradicu lilhom infushom:

> '*B'danakollu johrog b'mod car mill-kumpless ta' l-istess skrittura illi t-terminu ta' validita' kien sat-30 ta' Novembru 1998, b'dan illi trasferiment finali ta' l-ishma u kif ukoll il-hlas tal-prezz miftiehem, kellhom isiru sa' din id-data".*

B'hekk jirrizulta wkoll li dwar dan l-argument l-appellanti jikkontradicu lilhom infushom.

(iii) Fit-tieni paragrafu ta' l-aggravju taghhom l-appellanti jittrattaw dwar il-procedura korretta li skond huma kellu jsegwi l-esponenti appellat.

Madanakollu l-istess esponenti appellat jibqa' jsostni li l-procedura adoperata minnu hija korretta.

Meta l-Artikolu 1357(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jinqara b'attenzjoni mill-ewwel jirrizulta li dan l-artikolu jirreferi ghal **"att giudizzjarju"** minghajr ma jispecifika n-natura ta' tali att. IL-kelma tal-Ligi tghid illi hemm bzonn ta' att gjudizzjarju u mhux specifikament ta' ittra ufficjali.

Citazzjoni bla dubju ta' xejn hija att giudizzjarju u lanqas ghandu jkun hemm dubju li l-esponenti appellat irrispetta l-perjodu ta' dekadenza preskritt mil-Ligi u cioe' li l-att giudizzjarju jigi pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien ta' validita' tal-konvenju.

Fil-fatt, l-esponenti appellat ipprezenta citazzjoni bin-numru 2375/98 RCP quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 1998, fejn talab il-Qorti biex tikkundanna lill-appellanti sabiex effettivament jaddivjenu ghall-att ta' trasferiment lilhom mill-attur tal-165 *ordinary* shares fis-socjeta' Serafina Manufacturing Limited in esekuzzjoni ta' l-

obbligi assunti minnhom fil-konfront ta' l-esponenti appellat bil-precitata skrittura privata, liema kawza tinsab differita ghall-14 ta' Dicembru 1999.

L-esponenti appellat fit-terminu stabbilit mil-Ligi mar oltre milli jintima lill-konvenuti jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku – talab lill-Qorti tordnalhom jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att u dan permezz ta' citazzjoni kif inhi l-procedura stabbilita mill-Artikolu 1357(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanti qed jippretendu li l-esponenti appellat missu l-ewwel intimhom sabiex jersqu ghall-kuntratt permezz ta' ittra ufficjali, imbaghad ipprezenta citazzjoni sabiex jinforza l-attwazzjoni ta' l-obbligazzjonijiet assunti fil-konvenju. Huwa minnu l-esponenti appellat ghazel ic-citazzjoni bhala l"att giudizzjarju" imsemmi fil-Ligi pero' dan sar minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, li kienu tali li juru li l-appellanti ma kienux ser jersqu ghall-att ta' trasferiment.

(iv) Is-sentenza li qed tigi appellata mill-appellanti titratta dwar Citazzjoni fl-Ismijiet premessi, bin-nurmu 1796/98 GCD, li permezz taghha l-esponenti appellat istitwixxa proceduri giudizzjarji bil-giljottina, sabiex l-appellanti jigu ikkundannati

> *"jhallsu lill-attur s-somma ta' elfejn seba' mija u hamsin Liri Maltin (Lm2,750) rappresentanti pagament ultrjuri akkont tal-prezz ta' trasferiment mill-attur lill-konvenuti ta' 165 Ordinary Shares fis-socjeta' Serafina Manufacturing Limited, liema pagament ulterjuri skada u sar dovut fit-30 ta' Gunju 1998, hekk*

*kif stipulat fi skrittura privata ta' promessa ta' bejgh li saret f'Novembru 1997 bejn l-istess attur u l-konvenuti".*

L-appellat kellu jirrikorri ghal tali proceduri minhabba l-fatt li ghalkemm interpellati bonarjament sabiex ihallsu l-ammont dovut l-appellanti baqghu inadempjenti u ma wettqux l-obbligi taghhom. Dan fih innifsu juri li l-appellanti ma kellhom ebda intenzjoni jersqu ghall-att finali ta' trasferiment.

Barra minn hekk, permezz ta' ittra legali da parte tad-difensur ta' l-appellanti lid-difensur ta' l-esponenti appellat, datata 23 ta' Settembru 1998, jidher b'mod l-aktar car li l-appellanti:

*"m'humiex prezentament f'pozizzjoni li jikkompletaw l-akkwist peress illi s-sitwazzjoni tax-xoghol m'hijiex xejn posittiva kif mistenni".*

(v) L-appellanti jaghmlu hafna enfasi fuq il-kliem tal-Ligi u jghidu li *"ubi lex voluit dixit"* u b'hekk fl-opinjoni taghhom, iz-zewg proceduri msemmija fl-Artikolu 1357(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma necessarji t-tnejn billi:

*"Il-Legislatur hass il-htiega illi jenfasizza b'mod espress ir-rekwizit ta' zewg proceduri distinti fil-kaz odjern, billi rrikjeda, fl-ewwel lok, att giudizzjarju fejn min wieghed, jigi interpellat sabiex jaddivjeni ghat-trasferiment finali, u fit-tieni lok irrikjeda wkoll l-att ulterjuri tac-Citazzjoni".*

Madanakollu meta l-Kamra tad-Deputati fl-1976 kienet qeghda tiddiskuti l-Abbozz ta' Ligi li introduca s-subartikolu 2 fl-Artikolu 1357 tal-Kapitolu

16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja kien qal illi ghalkemm l-ittra ufficjali hija necessarja qabel ma ssir c-citazzjoni, accetta l-fatt illi jekk l-persuna li taghmel ic-citazzjoni mill-ewwel minghajr intimazzjoni permezz ta' ittra ufficjali tkun ippruvat bonarjament sabiex tasal pero' ma jirnexxillekx tasal:

"*allura tkun inutili tibghat ittri ufficjali".*

Il-hsieb tal-Legislatur hu evidenti. L-att giudizzjarju kellu jkun fil-forma ta' ittra ufficjali jew ta' protest giudizzjarju sabiex il-parti li ma tidhirx li se taddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgh tinghata avviz, tigi in mala fede u tinghata l-opportunita' li taddivjeni, izda ma jeskludix l-ghazla illi ssir citazzjoni qabel l-iskadenza tal-konvenju specjalment meta l-parti l-ohra diga tkun manifestament in mala fede – ghalhekk il-Ligi kienet u ghadha tghid *"att giudizzjarju"* u mhux *"ittra ufficjali".*

Ladarba l-legislatur jsemmi *"att giudizzjarju"* ma jeskludix ic-citazzjoni u b'hekk il-kwistjoni tkun sottomessa ghall-giudizzju tal-Qorti minghajr intimazzjoni u dewmien almenu f'kazijiet fejn l-intenzjoni ta' parti minnhom hi li ma jersqux ghall-att pubbliku giet manifestament espressa.

Fil-kaz odjern kien inutili ghall-esponenti appellat li jintima lill-appellanti permezz ta' ittra ufficjali, ladarba dawn iddikjaraw li ma kienux ser

jersqu u kien in mala fede. B'hekk ghal xejn kienu jinghataw l-opportunita' li jersqu ghall-kuntratt.

(vi) L-Artikolu 1357(2) ghandu jigi interpretat u applikat a bazi ta' l-intenzjoni espressa tal-legislatur cioe' tal- gustizzja u fl-interess reciproku tal-partijiet. IL-Ligi trid li hadd ma jahrab mill-obbligazzjonijiet li jkun ikkontratta u b'hekk trid taghti rimedju gust u ekwu lill-parti l-ohra li trid tinforza d-drittijiet li tkun akkwistat.

Ladarba l-appellanti iddikjaraw li ma kienux f'posizzjoni li jersqu ghall-att ta' trasferiment finali, l-esponenti appellat kien intitolat f'dak l-istadju, anke qabel l-iskadenza tal-konvenju li jaghzel ir-rimedji li taghti l-Ligi fl-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-argument ta' l-esponenti appellat hu accettat mill-Qorti taghna bhalma jidher mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili wara l-kawza fl-ismijiet "Neville Anthony Curmi – vs- Anton Camilleri et noe", deciza fis-17 ta' Settembru 1991.

F'dik is-sentenza dik l-Qorti kkunsidrat li l-parti li tinterpella lill-parti l-ohra permezz ta' ittra ufficjali sabiex taddivjeni ghall-att ta' tasferiment finali, taghmel hekk lil tali parti aktar zmien ghal tali skop.

> *"Altriment jista' jipprezenta c-citazzjoni ghaliex ic-citazzjoni tinterrompi l-preskrizzjoni, daqs jekk mhux izjed minn kwalunkwe att giudizzjarju iehor"*

Din is-sentenza giet ikkonfermata minn din l-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Marzu 1993.

(vii) Fl-aggravju taghhom, l-appellanti jaghmlu referenza ghal Digriet Kamerali moghti mill-Qorti ta' l-Prim' Istanza fl-20 ta' Lulju 1999. Fl-opinjoni ta' l-appellanti l-Qorti ta' Prim' Istanza rrikonoxxiet dan id-dover esplicitu ta' l-esponenti appellanti li jsegwi iz-zewg proceduri stabbiliti fil-Ligi.

L-appellanti jigbdu l-attenzjoni ta' din l-Qorti ghal fatt li fid-digriet taghha, il-Qorti ta' Prim' Istanza riedt tkun taf jekk l-esponenti appellat sejjahx lill-appellanti permezz tal-procedura preskritta fil-ligi taht l-Artikolu 1357(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madanakollu l-appellat jixtieq jigbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghad-decizjoni finali tal-Qorti ta' Prim' Istanza:

> *"Il-ligi titlob li qabel ma jaghlaq il-konvenju, issir sejha b'att giudizzjarju: dan l-att jista' jkun citazzjoni; ma hux mehtieg li ssir ittra fiudizzjarja jew protest kif qed jghidu l-konvenuti. Ikun aktar prudenti li ssir ittra giudizzjarja qabel ic-citazzjoni ghax jekk ix-xerejja jersqu minn jeddhom biex jixtru qabel ma jaghlaq il-konvenju, l-attur jista' jehel l-ispejjez tal-kawza li jkun ghamilha ghal xejn; izda dan ma jfissirx li l-att ikun hazin.*
>
> *Naturalment, jekk tkun ga saret qabel ma jaghlaq il-konvenju ma hux mehtieg li terga' ssir ohra wara, jekk il-bejgh jibqa' ma jsirx sa ma jaghlaq il-konvenju.*
>
> *Ghalhekk il-konvenju ghadu jorbot, ghax l-attur ghamel dak li trid il-ligi biex izommu fis-sehh, u l-konvenuti ghadhom marbutin li jhallsu skond il-ftehim."*

Din id-decizjoni turi bl-aktar mod car il-hsieb tal-Qorti ta' Prim' Istanza li accettat il-procedura segwita mill-esponenti appellat. Tant hu hekk illi l-appellanti pprezentaw ir-Rikors ta' l-Appell odjern minn tali sentenza.

(viii) Bla pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq espost, l-esponenti appellat jerga' jigbed l-attenzjoni ta' din: l-Qorti ghall-fatt li l-proceduri quddiem il-Qorti ta' Prim' Istanza kienu proceduri bil-giljottina ghal hlas da parte ta' l-appellanti ta' kreditu cert, likwidu u dovut minnhom lill-appellat.

B'hekk il-proceduri quddiem il-Qorti ta' Prim' Istanza ma kienux sabiex l-appellanti jaddivjenu ghall-kuntratt ta' trasferiment. In vece dawn kienu proceduri specifici ghall-hlas ta' tali kreditu cert, likwidu u dovut.

Dawn proceduri huma regolati bil-Ligi kif preskritt taht l-Artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-ebda mod ma jistghu japplikaw il-principji preskritti mill-Artikolu 1357(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li dawn ta' l-ahhar japplikaw biss meta jkun hemm sejha b'att giudizzjarju ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt.

Ghalhekk jirrizulta li apparti l-fatt li fil-kaz odjern l-appellat segwa l-procedura korretta, l-aggravju ta' l-appellanti ma ghandu ebda konnessjoni giuridika kemm ta' procedura kif ukoll ta' ligi sostantiva mal-fatti u proceduri konnessi mas-sentenza appellata.

Ghaldaqstant l-appellati jissottometta li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

## Is-sentenza ta' din il-Qorti

6. Skond il-konvenuti appellanti, l-attur appellat naqas milli jsegwi korrettement il-procedura stabbilita u rikjesta mil-ligi ad validitatem u konformement kwindi ma' l-artiklu 1357(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana riferibbilment ghall-obbligi assunti mill-partijiet kontendenti fuq skrittura privata firmati bejniethom u li kienet tikkostitwixxi, skond huma, konvenju ta' bejgh u xiri ta' mija u hamsa u sittin (165) ishma ordinarji fis-socjeta' kummercjali Serafina Manufacturing Limited. Skond l-appellanti l-procedura gudizzjarja surreferita tikkonsisti f'zewg kazijiet jew stadji distinti kif delinejati mil-Legislatur innifsu. Huma jirreferu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, moghtija fl-24 ta' Frar, 1986, fil-kawza fl-ismijiet AIC W. Caruana Montaldo noe vs. V. Lia.

7. Mill-atti tal-kawza in ezami jirrizulta li l-attur, rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn il-konvenuti appellanti mmanifestaw palezament l-intenzjoni tghhom li ma kienux fi hsiebhom ikomplu bix-xiri ta' l-ishma, kif kien gie miftiehem fl-iskrittura privata surreferita, huwa ghadda mill-ewwel billi jipprezenta entro t-termini tat-30 ta' Novembru, 1998, att ta' citazzjoni. Skond l-appellanti, l-Ewwel Qorti zbaljat meta ddecidiet li s-

sejha permezz ta' att gudizzjarju tista' ssir permezz ta' citazzjoni u mhux b'ittra ufficjali jew protest.

8. Din il-Qorti tibda billi tirritjeni li fil-fehma tghha, darba li l-ligi taghna ssemmi biss "att gudizzjarju" bla ma tispecifika wkoll liema ghandu jkun dana l-att, ikun ifisser li l-ligi ma tipprekludix il-possibilita' ta' prezentata ta' att ta' citazzjoni, minflok ittra ufficjali jew protest gudizzjarju. Dawn l-atti lkoll jikkwalifikaw bhala "att gudizzjarju". Ovvjament, ikun aktar prudenti, ragjonevoli u ta' anqas riskju li l-mittent jipprocedi l-ewwel b'ittra ufficjali jew bi protest imma m'hemm xejn fil-ligi il jekk dan jghaddi mill-ewwel ghall-hrug ta' citazzjoni – ghax kif gia inghad att ta' citazzjoni huwa att gudizzjarju "per eccellenza" – allura huwa jkun agixxa skorrettement.

Del resto, is-sottomissjonijiet maghmulin mill-konvenuti appellanti fl-aggravji taghhom gew kollha ikkunsidrati sew f'decizjoni ohra, ukoll moghtija minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta u f'data posterjuri ghas-sentenza citata mill-appellanti. Fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet "Neville Anthony Curmi – vs – Anton Camilleri noe et" moghtija fis-16 ta' Marzu, 1993, u fejn giet ikkonfermata s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili din il-Qorti kienet irriteniet inter alia, u dana wara li tat harsa rapida ta' l-ahhar fazi storika ta' dan l-istitut, illi:

> "Huwa car illi r-<u>ratio legis</u> ta' l-emendi, kienet ispirata minn estensjoni tad-dritt ta' azzjoni tal-kreditur u allura, jekk dan, flok ma jiehu vantagg mill-agevolazzjonijiet li nghatawlu biex isostni d-dritt tieghu ta' azzjoni li jimplimenta l-konvenju, jagixxi immedjatament, ma jkunx b'daqshekk qed jitlef dak id-dritt. Ikun guridkament illogiku li jigi ritenut mod iehor. L-azzjoni hekk ezercitata tipperikola biss l-attur fil-kamp ta' l-ispejjez, ghaliex dik ir-rinunzja tieghu ghat-termini itwal m'ghandhomx jikkawzaw spejjez zejda lid-debitur, kif sewwa osservat is-sentenza appellata. Basta naturalment "li d-debitur jersaq ghall-kuntratt miftiehem fiz-zmien tal-validita' tal-konvenju".

F'dik is-sentenza wkoll il-Qorti ta' l-Appell qieset anke id-decizjoni "W. Caruana Montaldo noe – vs – V. Lia" citata b'sostenn tat-tezi taghhom mill-appellanti konvenuti, imma xorta wahda irriteniet li f'dik il-kawza l-kumpannija attrici kienet naqset li tibghat ittra ufficjali entro t-terminu tal-validita' tal-konvenju – u mhux mela bhal ma gara fil-kaz in ezami meta l-att gudizzjarju <u>sar entro z-zmien preskritt</u> - u allura l-azzjoni sussegwenti taghha biex timplimenta l-konvenju ma kienetx attendibbli, u dana skond il-principju generali elaborat minn dik il-Qorti fis-sentenza taghha u skond il-ligi. Anzi, dik il-Qorti qieset ukoll decizjoni ohra moghtija fit-22 ta' Frar, 1990, fil-kawza fl-ismijiet "Melanie mart Robert Brownrigg et – vs – Taddeo Camilleri", fuq meritu simili, u qalet li anke din, bhas-sentenza l-ohra, ma tolqotx il-punt li kien qed jigi deciz minnha fil-kawza fl-ismijiet "Curmi – vs – Camilleri"

Din il-Qorti hija perfettament konkordi ma' dan l-insenjament li del resto jaqbel mal-hsieb tal-legislatur kif immanifestat waqt li din l-emenda fil-ligi kienet qeghda tigi dibattuta fil-Parlament. Taqbel ukoll mal-kliem testwali tal-ligi kif mikluba in kwantu din issemmi u tispecifika biss "att gudizzjarju" u xejn aktar minn hekk. Ghalhekk, u bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellanti, ma jistax jinghad ghalhekk li l-perijodu ta' validita' tal-konvenju kien skada inezorabilment u li l-konvenuti m'ghadhomx aktar obbligati bit-termini u kondizzjonijiet ta' l-istess skrittura kif gie sottomess. Bin-notifika ta' l-att tac-citazzjoni entro z-zmien preskritt fl-iskrittura, il-konvenuti appellanti kienu gew debitament u validament interpellati ghall-finijiet u effetti tal-ligi biex jottemperaw rwiehhom ma' l-obbligi minnhom assunti.

9. Illi meta l-vertenza qeghda tigi deciza a bazi tal-premess, m'hemm ebda htiega ghal din il-Qorti li tinvesti wkoll il-konsiderazzjonijiet ulterjuri mqanqla mill-appellat fir-risposta ta' appell ipprezentata min-naha tieghu.

Ghalhekk iffisser li l-aggravji tal-konvenuti appellanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Dep/Reg

mm